Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 179/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bernada Muscat**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Bernada Muscat talli fit-18 ta’ Jannar 2005 fin-Nadur, Ghawdex, ghall-habta tat-8.00am:-

1. volontarjament kisret il-bon-ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied; u

2. ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq Carmelo Muscat min-Nadur, u dan skond ma ccertifika t-tabib R. Sciberras M.D mill-isptar generali ta’ Ghawdex.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-12 ta’ April 2007 li permezz taghha dik il-Qorti iddikjarat lill-imputata hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannata ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ Lm25 lira maltin; u inoltre obbligatha taht penali ta’ mitt lira ghal zmien sena li ma timmolestax u ma tingurjax lil Carmelo Muscat;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Bernarda Muscat, minnha prezentat fit-30 ta’ April 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fl-udjenzi tat-13 ta’ Lulju 2007 u 19 ta’ Lulju 2007; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti huwa bazikament wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti qatt ma messha abraccjat il-verzjoni tal-fatti kif proposta minn Carmelo Muscat. Hija tillanja b’mod generali li filwaqt li hija dejjem kienet konsistenti fil-verzjoni taghha, l-istess ma jistax jinghad ghall-imsemmi Muscat.

L-appell, ghalhekk, idur fuq kwistjoni ta’ apprezzament ta’ provi. Kif inhu risaput din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament maghmul mill-ewwel qorti fis-sens li jekk il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti kienet wahda li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha, din il-Qorti ma tintervjenix ghas-semplici fatt li versjoni ohra hija daqstant ikoll plawsibbli. Din il-Qorti, ghalhekk, ezaminat bir-reqqa l-provi akkwiziti – provi li, tajjeb li jinghad, regghu nstemghu mill-gdid minn din il-Qorti peress li ma kienux gew traskritti (hlief ghad-deposizzjoni ta’ Carmelo Muscat tat-2 ta’ Mejju 2006, fol. 20) quddiem il-qorti ta’ prim istanza essendo l-kawza wahda sommarja u tad-distrett. Minn ezami ta’ dawn il-provi jirrizulta li fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni, waqt li Carmelo Muscat u Anthony Cassar kienu qed jiehdu xi ritratti ta’ xi zibel biex jghadduhom lill-awtoritajiet

sanitarji, l-appellanti bdiet toggezzjona ghal din l-attivita` b’mod mhux biss vociferu izda wkoll b’ton aggressiv. F’hin minnhom hija avvicinat lil Carmelo Muscat minn wara u hebbet ghal wiccu b’mod li kkagunatlu offizi hfief madwar ghajnejh il-leminija. Carmelo Muscat kif hass id l-appellanti ma’ wiccu, xejjer idu u laqghat lill-appellanti f’wiccha b’mod li din spiccat fl-art. Fil-fehma, ghalhekk, ta’ din il-Qorti, l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata illi ssib lill-appellanti hatija skond iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra taghha. Konsegwentement l-appell qed jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li mill-atti ma jirrizultax li l-appellanti wettqet l-obbligazzjoni bil-miktub kif jirrikjedi l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali, tordna li din issir bil-miktub fl-atti ta’ dana l-appell bil-forma kif annessa ma’ din is-sentenza. Il-Qorti tosserva wkoll li spiss qed jispiccaw quddiemha appelli fejn, minkejja li l-ewwel qorti tkun imponiet il-precett skond l-Artikolu 383 *et seq.* tal-Kap. 9, l-obbligu mhux qed jitwettaq bil-miktub quddiem il-Qorti Inferjuri kif suppost li jsir, forsi ghax ikun hemm l-intendiment li l-persuna misjuba hatja tkun ser tappella. Din il-Qorti terga’ ttenni dak li qalet f’diversi sentenzi ohra li tali twettiq bil-miktub ghandu jsir <u>anke jekk il-persuna misjuba hatja mill-ewwel taghti avviz ta’ appell</u>, u dan peress li l-obbligazzjoni bil-miktub (a differenza, per ezempju, tal-hlas tal-multa jew tal-ammenda meta l-piena tkun wahda pekunjarja) b’ebda mod ma tipprgudika d-dritt tal-persuna misjuba hatja li tappella, anke fejn l-unika ”piena” ikun tali precett -- ma jistax jinghad li bil-firma tad-dokument kif ravvizat fl-Artikolu 386 tkun qed tigi ”ezegwita” s-sentenza b’mod li jkun hemm xi forma ta’ akwijixxjenza fiha. Ghalhekk din il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tingieb minnufih a konjizzjoni tar-Registratur tal-Qrati ta’ Ghawdex u tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, biex dawn jaghtu l-istruzzjonijiet opportuni lid-deputati registraturi tal-awli, u jaraw ukoll li dawn l-istruzzjonijiet jigu osservati.

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI
**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

Illum, 10 ta' Settembru 2007.

**Appell Nru 179/07**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Bernarda Muscat**

**Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-12 ta' April 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Bernarda Muscat** kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 10 ta' Settembru 2007, jien hawn taht iffirmata, **Bernarda Muscat**, nobbliga ruhhi li ma nimmolestax u ma ningurjax lil Carmelo Muscat u li nzomm il-bon-ordni pubbliku f'dak li jirrigwarda lilu, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal sena mil-lum.

______________________________
(Bernarda Muscat)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 10 ta' Settembru 2007.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------